MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2005

Numru 598/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Richard Bugeja**

**Illum 13 ta' Settembru, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Richard Bugeja ta' 48 sena, bin Emmanuel u Georgina nee` Busuttil, imwieled Pieta`, fis-16 ta' Novembru 1966, li huwa residenti f'163, Flat 8, Triq l-Arkati, Paola; Detentur tal-karta ta' l-Identita` bin-numru 757356M gie akkuzat talli fit-

22 ta’ Gunju 2004, u fil-granet ta’ qabel, f’Hal Tarxien u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi Lm100 ghad-Detriment tal-Gvern ta’ Malta u diversi persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, kemm ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x’jaqsam ma’ l-Att dwar is-Servicci Socjali:
i. xjentement jew bi traskuragni ghamel dikjarazzjoni falza jew wera haga b’ohra;
ii. gab jew ta, jew ikkaguna jew gieghel jew xjentement halla illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kien jaf li kien falz f’haga materjali jew;
iii. bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcieva l-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew tista jkollha konsegwenza materjali fuq – ammont, jew fuq il-mod kif inghata dak il-pagament u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 117 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. taht l-Att dwar is-Servizzi ta’ l-Impjieg u Tahrig:
i. ta xi taghrif li jkun jaf li huwa falz f’xi punt importanti, jew minghajr ma jimpurtah ta xi taghrif li jkun falz f’xi punt importanti; jew

ii. bil-hsieb li jinganna, ipproduca, ta, baghat jew xort’ohra ghamel uzu minn xi dokument li jkun falz f’xi punt importanti; jew
iii. ghax irid, irrifjuta li jaghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hija ghal kariga tieghu) ma tax, xi taghrif importanti, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 48 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi b’hekk Richard Bugeja kiser il-kundizzjonijiet tal-art 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta’ Lulju 2002.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f’kaz ta’ htija, barra li tinfligi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb jekk ghandu oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja wiegeb le m’ghandux.

Innutat ukoll li fis-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha barra l-ahhar akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta’ Lulju, 2002.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li ma hemm l-ebda oggetti li sejrin jigu esebiti u dana ghal fini tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, iddikjarat ukoll li ma hemmx spejjez inkorsi kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana qed jinghad ghal fini tat-talba tal-Prosekuzzjoni li saret fit-Tahrika u inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur

iddikjarat li l-Prosekuzzjoni m'ghandha l-ebda provi rigwardanti l-akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Lulju, 2002.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310 (1)(b) u 188 tal-Kap 9, l-artikolu 117 tal-Kap 318 u l-artikolu 48 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Richard Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha barra l-ahhar akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Lulju, 2002, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Richard Bugeja ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u mitejn Liri Maltin (Lm200) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Richard Bugeja jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

In kwantu ghall-ahhar akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Lulju, 2002 ma ssibx lill-imputat Richard Bugeja hati ta' din l-akkuza stante li ma gietx ippruvata u minnha tilliberah.

In kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfligi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, stante li ma gew esebiti ebda oggetti; (ara wkoll dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta ta' llum in rigward u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza), tichad it-talba.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza (ara wkoll dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta ta' llum in rigward u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza), tichad it-talba.

Inoltre l-Qorti qed taghti lill-imputat Richard Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------